# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
## Il-Ħadd 1 ta' April 2018
## Solennità tal-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet
## Sena B

**Introduzzjoni**

Il-qawmien mill-imwiet tal-Mulej hija l-aqwa u l-akbar festa għall-fidi tagħna. Hija festa li laħqet il-qofol tagħha tul il-lejl li għadda, fejn bħala Knisja ċċelebrajna r-rebħa tad-dawl fuq id-dlam. Il-mewt hija wkoll is-suġġett ta' din il-festa hekk kbira għax l-għadu tagħna, ix-xitan, ipprova jaħkem, iżda l-ħajja għelbet u ħarġet rebbieħa fuq il-mewt. L-imħabba għelbet il-vjolenza u l-mibegħda, u t-tama tagħna għall-Ħajja ta' Dejjem ġiet imġedda fi Kristu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 10, 34a.37-43)

Pietru jitkellem dwar dak kollu li kien ġara f'Ġerusalemm f'dawk il-ġranet tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Kull min jemmen f'dan il-misteru, jikseb il-Ħajja ta' Dejjem.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 117)

Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih. Hallelujah!

**It-Tieni Qari** (Kol 3, 1-4)

San Pawl jisħaq biex tingħata importanza lill-ħwejjeġ tas-sema, u mhux dawk materjali f'din l-art.
Nisimgħu t-tieni qari.

**Sekwenza**

Inqumu bilwieqfa għas-sekwenza.

**L-Evanġelju** (Ġw 20, 1-9)

Ir-rakkont tal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet jurina kif id-dixxipli bdew jemmnu hekk kif ġew wicc imb'wiċċ ma' dan il-misteru hekk kbir.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ġesù għeleb is-setgħat kollha tal-ħażen u qam rebbieħ fuq il-mewt. Ejjew inroddu ħajr lil Alla ta' dan il-misteru hekk kbir u ċentrali fil-fidi tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Kif Ġesù offra lilu nnifsu għalina fuq il-Kalvarju, hekk jibqa' joffri lilu nnifsu għalina taħt forma ta' ħobż u nbid kull darba li nersqu biex nirċevuh fit-tqarbin.
Nersqu għat-Tqarbin bi spirtu ta' talb u ta' ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.